**Qorti tal-Appell Kriminali**

**GĦAWDEX**

**Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 81 / 2021 / 1**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Carmelo Calleja**

**Illum 25 ta' Marzu 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Carmelo Calleja, iben Joseph u Grace nee Farrugia, imwieled nhar il-5 ta' Jannar 1968 u resident 9, Casa D'Amour, Triq il-Gebla tal-General, San Lawrenz, detentur tal-karta tal-identita' numru 0001368G li permezz tagħhom ġie akkużat talli:

Fis-19 ta' Novembru 2020 għall-ħabta tas-siegha ta' wara nofsinhar (13.00) u fis-sighat u l-ħinijiet ta' qabel bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita xi jedd li jippretendi li ghandu huwa personalment fixkel li Rose Vella fil-pusses taghha tar-raba' maghrufa bhala "Tar-Rokon" limiti ta' San Lawrenz retrostanti r-residenza tal-kwerelanta bl-indirizz 27, "B'Tifkira", Triq ir-Rokon, San Lawrenz, Ghawdex u dan billi harat parti mir-raba' fil-pussess ta' Rose Vella u nehha parti mill-hamrija li kellha Rose Vella intiza ghall-uzu taghha u kif wkoll nehha knaten li kienu qedin fir-raba' propjeta ta' u fil-pussess ta' Rose Vella kif wkoll nehha xatba tal-

aluminju abjad li kienet fi propjeta ta' u fil-pussess ta' Rose Vella, dan bi ksur tal-artikolu 85(1) kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-19 ta' Jannar, 2024, fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' hames mitt ewro (EUR 500), filwaqt li ai termini tal-artikolu 377(3) tal-Kodici Kriminali ordnat lill-imputat jerga' jpoggi l-knaten, il-hamrija u x-xatba tal-aluminju abjad fil-post fejn kienu originarjament qabel dan l-incident tad-19 ta' Novembru 2020.

Inoltre' b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-imputat biex ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-segwenti ammonti: EUR 283.37c (spejjez imhallsa lil espert Jonathan Mizzi) u EUR 88.29c (spejjez imhallsa lil Dr Sciortino).

In oltre, il-Qorti b'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rabtet lill-hati b'garanzija personali ta' elfejn ewro (EUR 2,000) ghal zmien sena mil-lum sabiex bl-ebda mod ma jkellem jew jimmolesta lil Rose Vella.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Carmelo Calleja preżentat fil-5 ta' Frar 2024.

Illi l-appellant Carmelo Calleja bid-dovut rispett l-ewwel Qorti iddecidiet hazin meta rravizat l-estremi tar-reat tà ragion fattasì f'dak li sehh. Illi kull ma ghamel l-appellant meta harat il-wicc tal-ghalqa tieghu, huwa ghamlu biex jikkultiva l-art proprjetà u fil-pussess tieghu, u meta mar l-ghada li ghamel is-sinjali fl-ghalqa tieghu stess biex ikun jistà jahratha u sab il-kantuni li kienu gew mgerba u l-*gate* tal-aluminju mdeffes fil-hamrija l-gewwa mis-sinjali li kien ghamel biex jimxi maghhom, huwa hass li kellu jirrespingi l-ingerenza tal-gara tieghu u bla telf tà zmien kif appena nduna bil-*gate* u bil-kantuni li kienu tpoggew go hwejgu, huwa qalibhom lura fl-ghalqa tal-kwerelanta ghal post fejn kienu qabel.

F'dak li ghamel, huwa kien semplicemenet qed jipprotegi l-*istatus quo*, u ghalhekk fic-cirkostanzi japplika l-principju *vim vi repellere licet*.

Riferibilment ghall-ewwel element kostituttiv tar-reat tà ragion fattasì li hu importanti huwa, jekk effettivament, sa dakinhar li sar l-allegat att tà spoll, kellhiex il-kwerelanta l-pussess, jew l-uzu u tgawdija tal-parti Ii harat l-appellant fejn sab li kienu gew imgerba l-katuni u tpogga l-*gate* tal-aluminju. B'kull dovut rispett mhux biss il-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tressaq il-prova tà dan sal-livell rikjest fil-kamp penali, izda dan huwa ferm dubbjuz billi mill-provi li rnexxielha tressaq il-prosekuzzjoni huwa car li l-ghalqa tal-kwerelanta dak iz-zmien lanqas biss ma tidher li kienet tinhadem, wisq aktar ghal dik il-parti li tigi wara s-sigar tal-frott fl-ghalqa taghha limitrofi mal-ghalqa tal-appellant. Fir-ritratti u l-filmati esibiti mill-kwerelanta jidhru l-frieghi u z-zkuk tas-sigar jokkupaw kwazi l-wisà tal-ghalqa taghha kollha, u ma jistax jinghad li l-kwerelanta kellha l-uzu u t-tgawdija tal-parti fejn harat l-appellant li tigi wara l-istess sigar li biss biss il-frieghi taghhom vizibilment jestendu sal-ghalqa tal-appellant, u l-istess frieghi jaghmlu l-access wara l-istess sigar wiehed xejn facli bhala prova li l-kwerelanta kellha l-uzu u t-tgawdija taghha meta l-ghalqa taghha proprja tidher mill-filmati u r-ritratti esibiti li ma kinitx tinhadem.

Illi l-unika intenzjoni li kellu l-esponenti kienet dik illi huwa jipprotegi l- proprieta li kellu t-tgawdija taghha u li jmanti l-pussess tieghu kif ukoll l-*istatus quo.* Tant hu hekk li qabel huwa harat l-ghalqa tieghu, ghamel sinjali li jaghrafhom hu biex ikun cert li jahrat kompletament fi hwejgu. Kif inhu ben risaput dan ir-reat ma jissussistix meta "l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni tà pussess li dak li jkun gja ikollu. Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lit-terz, jew ifixklu fil-pussess tal-haga... Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni tà pussess li dak li jkun gja kellu.

Illi minn dan jinsilet il-principju li l-imputat ma jinstabx hati tal imputazzjoni tar-ragion fattasì una volta l-agir tieghu jkun xprunat mill-intenzjoni li jipprotegi l-proprjeta tieghu, ossia meta jkun agixxa in legittima difeza. Konkordi f' tali hsieb huma wkoll l-

awturi li jaghtu lok ghad-duttrina li fformulat il-gurisprudenza nostrana in material" [Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Peter Muscat** , 6 tà Novembru 2018].

Kif tajjeb gie mfisser ukoll fis-sentenza fl-ismijiet: **Il-Pulizija vs Bongailas** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 tà Otubru 2001:

> *"l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminalili jittratta dwar ir-ragion fattasì, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att tà xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess tà xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjetà taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew tgawdija tà dik il-haga. Li hu importanti, ai fini tal-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att tà spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew it-tgawdija tal-fond in kwistjoni."*

Illi jinghad ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Eileen Said** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 tà Gunju 2003 li:-

> *"Element importanti kostituttiv tà dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir tà dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati tà serq jew danni volontarji fuq proprjetà tà haddiehor per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu it-tgawdija taghha."*

Illi fil-kaz in dizamina jirrizulta li minhabba konfini promiskwi, il-kwerelanta timmagina li kull darba li l-imputat jidhol jaghmel xoghol tà kultivazzjoni fl-ghalqa tieghu, huwa qed jirfes fi hwejjigha meta l-imputat qatt ma harat aktar mill-art li soltu kien jahrat sa mis-sena 2004 sa minn meta akkwista u dahal fil-pussess tal-ghalqa tieghu.

Li jezistu konfini promiskwi huwa fatt il-ghaliex altrimenti ma kinitx ser tkun l-istess kwerelanta li tasal u tistitwixxi kawza fil-Qorti Civili ghall-accertament tal-konfini. Li l-ghalqa taghha ma tahdimhiex huwa fatt ukoll li johrog car mill-filmati u mir-ritratti esibiti minnha stess li l-ghalqa taghha mhix ikkultivata u dan fic-cert almenu fi zmien tal-allegat reat li l-ghalqa taghha ma kinitx tihadem. L-imputat irreagixxa spontanjament meta sab li kienu gew imgerba l-kantuni u gie mdeffes il-gate tal-aluminju fil-hamrija fl-ghalqa tieghu l-gewwa mis-sinjali li kien ghadu kemm ghamel gurnata qabel fl-ghalqa tieghu biex jasal bil-hart sa maghhom u jevita li jkollu kwistjonijiet mal-kwerelanta, liema kantuni u gate qabel ma kienux jinsabu il-gewwa minn fejn kienu saru s-sinjali minnu. Huwa irreagixxa meta sab li l-kantuni kienu gew imgerba minn fejn kienu qabel ghamel is-sinjali u tpoggew il-gewwa mis-sinjali u l-istess ghall-gate.

Illi jekk l-appellant genwinament u ragjonevolment emmen li fejn harat hi parti mill-art li tappartjeni lilu u fil-pussess tieghu billi taqà entrò l-wisà tal-art tieghu skont il-pjanta tar-Registru tal-Artijiet, li ma kellux ghalxiex jindubita jew jahseb mod iehor, l-izball tà fatt (ibbazat fuq zball tad-dritt civili, u mhux fuq zball tad-dritt penali) kellu jeskludi r-responsabbiltà penali tal-imputat. Dan qed jinghad mhux il-ghaliex il-kwerelanta irnexxielha tipprova li fejn harat l-appellant huwa proprjetà taghha jew li kien fil-pussess, uzu jew tgawdija taghha billi huwa sottomess li tali prova hi mankanti ghal kollox mill-atti ghaliex altru l-kwerelanta tippretendi li huwa taghha jew fil-pussess taghha u altru l-prova rikjesta fil-kamp penali li l-parti li giet mahruta jew minn fejn gew imnehhja l-kantuni u l-gate huwa taghha jew fil-pussess taghha, prova li bid-dovut rispett hi nieqsa ghal kollox billi lanqas ma gie ndikat mill-prosekuzzjoni mill-pjanta tal-art taghha stess esibita in atti fejn allegatament kienu jinsabu l-kantuni u l-gate li tnehhew, li jkompli johloq d-dubbju fejn kienu jinsabu proprjament l-istess kantuni u gate.

Mhux talli l-esponenti ma zammx mal-qisien tal-pjanta tar-Registru tal-Artijiet, izda talli meta harat l-art tieghu huwa qaghad attent li jahrat il-gewwa mill-wisà tal-kejl li ghandu

registrat, u xorta sab li  gew imgerba l-kantuni u sar il-gate il-gewwa mis-sinjali li kien ghamel gurnata qabel biex jasal bil-hart sa maghhom.

Illi l-**Maino,** fuq l-iskorta tal-Carrara, jghid:

> *"Altro principio: non può costituire delitti di ragion fattasì la semplice continuazione di un possess preesistente; qui continuat non attentat; occorre la violazione del possesso altrui. 'L'atto esterno (costituente il reato di ragion fattasi) deve – così Carrara – privare altri contro sua voglia di un bene che gode. Chi è nell'attuale godimento di un bene, e continua a goderne a dispetto di chi non voglia, non delinque, perchè la legge protegga lo statu quo, il quale non può variarsi tranne per consenso degli interessati, o per decreto dell'Autorità guidiziale (si ritiene perciò non commettere reato il colono che insista sul fondo dopo avuta la disdetta). Sarebbe ragion fattasì l'azione dell'altro che mi impedisse di continuare quel godimento; dunque non può essere ragion fattasì l' azione mia, con la quale mi mantengo in quel godimento…" [Commento al Codice Penale Italiano – UTET (1992) para 1189, pagna 388].*

Illi mbaghad fl-istudju iehor tieghu**, Manuale di Diritto Penale Speciale II**, il-**Maino** jkompli jghid li:

> *"non commette reato colui che ha agito nella necessità di difendere il proprio possesso, anziché col proposito di turbara l'altrui. La massima via vi repellere licet non è soltanto applicabile alla repulsa dello offeso personali: essa sie stende a qualque repulsa di ingiusta attacco alla proprietà, quando la difesa si eserciti entro I limiti dell moderame." [Commento al Codice Penale Italiano, 3a ediz. 1913 Parte II, para 1189].*

Illi dan il-hsieb hu sostnut bil-fatt, li hemm differenza bejn min izomm il-pussess tà xi haga li jkun qed igawdi, u min minn naha l-ohra ifixkel lil haddiehor fit-tgawdija tà xi haga. Tal-ewwel ma jwettaq ebda reat, filwaqt li fit-tieni istanza, ir-reat jissussisti. Dan

huwa abbazi tal-principu qui continuat non attentat. Dan il-principju gie wkoll enuncjat mill-Carrara, meta jghid:

> *"Dunque, non può essere ragion fattasi l' azione mia con la quale mi mantengo in quell godimento." [Programma – Vol V – para. 2851].*

Illi tal-istess linja tà hsieb huwa Francesco Antolisei [Manuale di Diritto Penale – Perte Speciale II Giuffre` (Milano), 1986, pag. 966] li jispejga :

> *"L'ordinamento giuridico, infatti, ai fini della pace sociale, consente l'autotutela nei casi in cui si verifica il pericolo attuale di un attacco ingiusto, il che tradizionalmente viene espresso col principio generale vim vi repellere licet, e, nel caso specifico, con l'antica massima qui continuat non attentat. Pertanto, non commette esercizio arbitrario il possessore di un fondo che, usando violenza, si oppone a taluno che violentemente cerca di occupare il fondo stesso. Nel conflitto delle pretese prevale l'interesse del possessore."*

Illi l-istess **Antolisei** jkompli jispjega, li l-persuna li ghandha l-pussess tà oggett u tiehu dawk il-passi kollha mehtiega sabiex thares l-interessi taghha, ma tkunx tikkommetti dak li huwa jiddefinixxi bhala 'violenza sulle cose', mitlub sabiex jigi radikat dan ir-reat, u jghid li:

> *"Ormai, dottrina e gurisprudenza sana consolidate nel ritenere che il requisite della violenza sulle case non sussiste quando l'agente fa della cosa un usu conforme alla sua destinazione, sia pur ricorrendo all'inganno o ad altro mezzo fraudolente oppure impossessandosene. Così non si ravvisa vioenza sulle case nel deviare acque, nel chiudere una porta, asportandovi le chiavi, nella sbarrare con un palo l'access ad un terrene, ecc … Viceversa, generalmente si ritiene che costituisca violenza sulle case il forzare un uscio, lo svellare steccati ad inferriate ecc." [Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale lip. 531 – 532].*

Anki **Giulio Crivellari** [Il Codice Penale per il Regno d'Italia interpretato sulla scorta ecc. UTET, 1895, Vol. VI page 751 (para. 303)] dwar din id-difiza jispjega wkoll li:-

> *"La massima vim vi repellere licet, come l'altra qui continuat non attentat … … escludono l'esercizio arbitrario. Egli e` percio` che se per togliere il mio diritto di passaggio si erigera` una siepe, in quello stesso momento avro` diritto di abbatterla, allora respingero` un arbitrio, ma non commetterò mai un atto arbitrario."*

Fir-riferenza ghal dan il-principju, wiehed irid iqis ukoll li l-forza wzata mill-agent trid tkun fil-limiti naturali taghha li jiddefendi hwejgu u mhux ghal skop tà tpattija. Meta l-imputat sab il-kantuni mgerba fi hwejgu u gerbibhom lura fejn kienu qabel ma gew imcaqilqa mill-kwerelanta kif ukoll il-gate ma jistax jitqies li giet uzata xi forza barra milli qies li kien mistenni fic-cirkostanzi. Il-Carrara jsostni li l-massima vim vi repellere licet *"non è soltanto applicabile alla repulsa delle offese personali; essa si estende a qualunque repulsa di ingiusto attacco alla proprietà, quando la difesa si eserciti entro i limiti del moderame."*

Dwar dan il-principju Professor Anthony J. Mamo isostni li:

> *"No offence is committed if the agent has done the act in consequence of the necessity of defending his own possession rather than with the purpose of disturbing the possession of others."*

Illi l-fatt li l-imputat ipprova jiddefendi hwejgu kontra l-agir sfiq tal-kwerelanta meta irrealizza li l-kwerelanta kienet gerbet il-kantuni u deffset gate tal-aluminju fil-hamrija l-gewwa mis-sinjali li ghamel gurnata qabel u sa maghhom kellu jasal bil-hart, u pront kif induna qalibhom lura fi hwejjigha, dan l-agir ma jistax jitqies li jammonta ghall-estremi tar-reat li bih huwa mixli, u l-esponenti jhoss li jezistu dubbji serji li jirrendu l-provi mhux sodisfacenti fil-kamp penali. L-appellant agixxa minhabba l-bzonn attwali

li jirrespinġi azzjoni ngusta li saret fil-konfront tiegħu mill-kwerelanta, u mhux ghal ebda hag'ohra kif vilment qieghda tipprova tixlih il-kwerelanta.

Illi anké l-filmati esibiti mill-kwerelanta ma jistax bhala dokument jitqies wiehed konklussiv billi mit-tliet filmati esbiti huwa wiehed biss li fih data u hin u z-zewg filmati l-ohra huma bla data u bla hin kif osserva tajjeb l-espert nominat mill-ewwel Qorti fl-analizi li ghamel tal-istess dokument, li jkomplu jsostnu d-difiza tal-appellant li hemm nuqqas tà prova tà ness bejn it-tliet filmati, tà x'sar fl-intervall, u nuqqas tà prova meta tqieghed il-gate li jidher fil-filmat jew tal-ezistenza tieghu qabel id-data tad-19 tà Novembru 2020, prova li hi mankanti ghal kollox mill-atti u tpoggi f'dubbji serji l-kredibilità tal-istess kwerelanta.

Illi fid-dawl tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri fil-kawza numru 34/2019/BS) deciza fil-25 tà Jannar 2024 fuq imsemmija fejn gie stabbilit u konfermat li l-qsami bejn il-porzjonijiet rispettivi huma dawk skont kif jirrizultaw mill-pjanti tar-Registru tal-Artijiet kif gew registrati mill-partijiet, l-esponenti jemmen li jkun ukoll ferm difficli ghal din il-Qorti li tasal biex tikkonferma l-kundanna tal-ewwel Qorti li ordnat li l-hwejjeg imnehhija jitqieghdu fil-post fejn kienu originarjament meta ma jirrizultax minn imkien mill-atti fejn l-istess hwejjeg f'liema punt tà bejn iz-zewgt ghelieqi kienu jinsabu qabel l-allegat reat li bih huwa mixli l-imputat, u jekk l-istess hwejjeg kienux fi hwejjeg l-appellant jew fi hwejjeg il-kwerelanta, hlief li jkollha tkun l-istess kwerelanta li tinghata l-awtorità li tiddetta hi fejn ghandhom jitqieghedu fil-post li tippretendi hi, li jistà jaghti lok ghal kunflitt mà dak li gie deciz fil-kawza li stabbiliet l-qsami bejn l-artijiet rispettivi.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti u ghar-ragunijiet ohra li jistghu jirrizultaw fit-trattazzjoni tà dan l-appell, l-esponenti filwaqt li jaghmel riferenza ghall-atti kollha tal-kawza, jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti tà Gudikatura Kriminali tad-dsatax (19) tà Jannar 2024, billi tiddikjara lill-appellant mhux hati tal-akkuza addebitata fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz innota ta' referenza tal-Avukat Generali.

Semghet lill-partijiet jittrataw dan l-appell u dan fis-seduta tal-21 ta' Frar, 2024.

Rat li din is-sentenza hija differita ghas-sentenza ghallum.

Ikkunsidrat.

Illi din il-kawza tikkoncerna r-reat ta' raggion fattasi fejn l-appellant qed jigi akkuzat li kkaguna r-reat ta' raggion fattasi ghad-detriment tal-kwerelanta Rose Vella u dan meta nehha parti mill-hamrija li kellha Rose Vella li kienet intiza ghall-uzu taghha u kif ukoll nehha knaten li kienu qeghdin fir-raba proprjeta ta' u fil-pusses ta' l-istess Rose Vella kif ukoll nehha xatba tal-aluminju abjad li kienet ukoll fil-proprjeta ta u fil-pusess taghha u dan bi ksur tal-artikolu 85 tal-ligijiet ta' Malta.

Illi l-appellant jghid fir-rikors tal-appell tieghu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti kif akkweziti u dan ghaliex minn imkien ma jirrizulta li l-affarijiet li nehha l-appellant qatt kienu fil-proprjeta taghha anzi kien poggihom hu stess fil-parti li huwa ghandu pussss taghha u jekk addirittura l-ewwel Qorti hija sodisfatta li l-oggetti li huwa nehha verament kienu fil-parti tal-proprjeta taghha allura jghid li dan huwa kaz ta' *vim vi ripelere lecit* ghaliex appena induna b'dak li ghamlet l-kwerelanti hu agixxa biex jipprotegi hwejgu.

Illi l-appellant jisħaq illi l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħatx leġittimament u raġonevolment issibu ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu peress illi l-verżjoni tiegħu tal-fatti li seħħew kienu ferm aktar kredibbli minn dawk tal-parte ċivile. B'hekk jgħid li kellu jiġi lliberat.

Illi ghalhekk din il-Qorti trid tezamina l-provi kollha li gew prodotti sabiex tara jekk verament is-sentenza li inghatat mill-ewwel Qorti kienitx wahda *safe and satisfactory*. Din

il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[1]

[1] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; IlPulizija vs Seifeddine

Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, kif gara f'dan il-kaz xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell **xorta** tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> *Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".*

Issa kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienitx "*unsafe and unsatisfactory*" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "*unsafe and unsatisfactory*". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura

Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Rat l-affidavit ta' **PS 581 Loreto Buttigieg** esebit f'dawn l-atti a fol. 7 fejn spjega li nhar l-20 ta' Novembru 2020 ghall-habta tas-18.00p,m Rose Vella marret l-ghassa tar-Rabat, Ghawdex taghmel rapport fejn stqarret li ghandha bicca raba li tmiss mal-proprjeta tal-akkuzat u dan il-bierah ghall-habta ta' 12.30 / 13.00 dahal gewwa r-raba taghha li ghandha wara d-dar u harat parti mill-imsemmija ghalqa u ghamel ukoll xi hsara peress li qaleb ftit kantuni u qala' xatba u qalbelbilha 'l gewwa. Ms Vella infurmat lill-pulizija li din mhux l-ewwel darba li gara incident bhal dan u fejn anke hemm sentenza tal-Magistrat Dr. Joe Mifsud. Qalet li kienet sejra taghmel kwerela fuq dan il-kaz.

Nhar l-24 ta' Novembru , 2011 Rose Vella ghaddiet lill-pulizia kwerela fejn talbet lill-pulizija biex tiehu passi fil-konfront tal-akkuzat taht l-artikolu 85 (1) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta kif ukoll talli kiser l-obbligazzjoni li inghatat fl-atti tal-kawza 162/2018 fl-ismijiet **<u>il-Pulizija v Carmel Calleja</u>** fis-seduta tal-15 ta' Mejju, 2018 kif ukoll *pen drive* li juri l-incident.

Il-pulizija rat il-filmat mill-CCTV fejn id-data hi tad-19 ta' Novembru, 2020 fejn ghall-habta tas-12.43 deher ragel jidhol f'ghalqa u jibda jahrat ghall-habta tas-12.46 p.m. Din l-istess persuna waqaf jahrat u deher qed inehhi grada u xi affarijiet ohra u wara kompla jahrat.

Nhar is-27 ta' Novembru, 2020 ghall-habta tal-16.00 p.m l-akkuzat gie nfurmat b'dan ir-rapport fejn inghata id-dritt jekk irid jista' jkellem avukat qabel jaghti l-verżjoni tieghu. Huwa gie muri l-filmat u stqarr li dak kollu li jidher fil-filmat gara fil-proprjeta tieghu u anke fir-rigward dawk l-affarijiet li deher qed iharrek huma kollha gol-proprjeta tieghu.

Rat l-obbligazzjoni moghtija mill-ewwel Qorti nhar il-15 ta Mejju 2018 esebita fl-atti a fol. 14. Dakinhar il-Qorti kienet obbligat lilll-akkuzat li ma jkellimx u ma jimmolestax lil kwerelanti u l-partijiet kienu obbligaw ruhhom li l-ppendenzi li hemm bejniethom jigu solvuti civilment. Rat il-pendrive, l-kwerela u l-okkorenza esebiti fl-atti a dol. 16 et seq .

Rat id-digriet tal-ewwel Qorti fejn innominat lil Jonathon Mizzi sabiex janalizza pen drive immarkat bhala Dok. C fl-atti u jirrelata lura lil-Qorti. Huwa dakinhar tad-19 ta' April 2021 esebixxa r-relazzjoni tieghu li giet markata bhala Dok. JM1. F'dan ir-rapport jidher l-akkuzat li qed jahrat porzjon raba'.

Rat in-nota tal-Assistent Registratur tal-Artijiet **Dr Miriam Rapa** prezentta fl-atti nhar it-12 ta' Ottubru 2021 li biha pprezentat certifikat ta' titolu 54000584 rigward parti diviza mill-fond numru 27, Triq ir-Rokon, San Lawrenz f'isem Rose Vella u l-pjanta relattiva numru 24236G markata bhala Dok. 1, certifikat ta' titolu numru 54000585 rigward parti diviza ohra mill-fond numru 27, Triq ir-Rokon San Lawrenz f'isem Annemarie Vella u l-pjanta relattiva numru 24236G markata bhala dok 2. Certifikat ta' titolu 54000411 rigward pozjon rabat tal-Wilga sive Ta' Luzju ta' kejl ta' circa 1499m f'isem Martin u Doris Debrincat u l-pjanta relattiva numru 10781G markata bhala Dok 3.

Rat il-vera kopja tal-kawza li giet deciza fil-15 ta' Mejju 2018 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Carmelo Calleja et</u>** li giet markata bhala Dok. DF1.

Rat ix-xhieda ta' **Godfrey Curmi** moghtija nhar is-16 ta' Gunju, 2022 u muri n-nota esebita nhar it-12 ta' Ottubru 2021 minn Dr Miriam Rapa u stqarr li dawk id-dokumenti annessi man-nota huma kopja fidila tad-dokumenti li ghandhon fil-Land Registry. Esebixxa ukoll dokument iehor li gie markat bhala Dok MGC li hu certifikat f'isem Rita Cauchi. Ikkonferma li l-proprjeta ta' Carmel u Rita konjugi Calleja hija dik mmarkata bhala Dok. MGC1. Mistoqsi jekk tellghax il-parcelling jghid li le.

Illi nhar is-7 ta' Frar 2023 rega' xehed u pprezenta l-applikazzjoni, bil-pjanta u kuntratt tal-akkuzat. Dawn gew markati bhala Dok. SM, SM1 u SM2, kif ukoll dawk ta' Rose Vella markati bhala Dok. SM3 u SM4 . Jghid li r-raba ta' Rose Vella giet registrata fis-

sena 2004 u dik ta' Calleja giet registrta qabel fis-sena 2002 u l-qasma giet indikata minnhom it-tnejn. Ippprezenta ukoll il-parcelling li gie markat bhala Dok SM5. Fuq il-pjanti ndiakti hemm il-qisien indikati. Jghid li mill-bini l-linja divizorja tidher li hija dritta pero' mill-faccata tidher li hemm farka angolat. Mistoqsi jekk Rose Vella infurmathomx dwar il-qasma li saret bejnha u bejn huha l-akkuzat wara li l-art giet registrata jghid li le il-qasma saret qabel ma giet registrata l-art ghax hemm indikat pozjon A u porzjon B pero meta inqasmet ma jafx. Ikkonferma li l-aprcelling li jispicca bin-numri 411 jghajjat lil Martin u Rose Debrincat

Rat lil **Dr Andrew Sciortino** li kien gie nominat bil-Qorti xehed nhar is-7 ta' Ottubru 2022 u pprezenta ir-rapport tieghu qabel ma l-nkarigu tieghu gie revokat[2].. Il-partijiet qablu seduta stante li ma kienux qed jikkontestaw ix-xhieda mismugha minnu u esebita fir-rapport tieghu.

Rat ix-xhieda ta' **Dr Miriam Rapa** moghtija nhar it-28 ta' Settembru, 2021[3] u kkonfermat li overlaps fil-proprjeta ma hemmx. Ipprezentat ic-certifkat tat-titolu bin-numru 54000516 li ighajjat lil Carmelo u Rita Calleja.

Rat ix-xhieda ta' **Rose Vella** moghtiha nhar it-28 ta' Settembru, 2021[4] u spjegat li l-incident sehh nhar id-19 ta' Novembru 2020. Qalet li tghix fl-indirizz 27 Tifkira, Triq Rokon, San Lawrenz Ghawdex u wara l-proprjeta tghha ghandha mandra. Hija ghandha l-cameras tas-sigurta mad-dar u ticcekjhom kuljum u fid-19 ta' Novembru 2020 x'hin kienet qed ticcekjhom fikghaxija wara x-xoghol rat lill-appellant Carmelo Calleja li ghandu bicca ghalqa ta biswit il-mandra taghha li kien qed jahrat bil-mohriet il-kbir tielgha lejn in-naha tad-dar taghha 'l fuq minn isfel.

Tispjega li l-appellant waqqaf il-mohriet in-naha ta fuq fejn ghandha xatba tal-aluminium bajda u xi knaten. L-appellant beda jaqlaghhom u jitfaghhom ghal gol proprjeta taghha. Dawn il-knaten kienu gol proprjeta taghha. Tghid ukoll li kien hemm ukoll gozz hamrija li kienet izzomm biex thawwel xi qsari li l-appellant gibdu lejn l-ghalqa tieghu.

[2] Seduta 16 ta Gunju 2022 fol. 88
[3] Fol. 178 tal-atti
[4] Fol. 179 tal-atti

Hija pprezentat r-rapport tal-espert Jonathon Mizzi li gie mmarkat bhala Dok. RV1. B'referenza ghar-ritratti f'pagna 5 tar-rapport RV1 liema ritratti gew elevati minn l-espert tal-Qorti mill-cameras tas-sigurta taghha tghid li dawn juru x-xatba tal-aluminium li ghamlet referenza ghaliha qabel. Ir-ritratti f'pagna 6 juru lill-appellant inehhi l-istess xatba. B'referenza ghar-ritratti f'pagna 5 tad-dokument RV1 tghid illi l-knaten li ghamelt referenza ghalihom qabel kienu qeghdin fl-ghalqa taghha pogguti tul il-linja tal-proprjeta taghha kollha. Il-hamrija tidher ukoll fir-ritratti fuq pagna 5 tar-rapport u jidhru qeghdin bejn ix-xatba u l-knaten. Tikkonferma li l-appellant ma messx affarijiet ohra.

In kontro ezami tghid li l-cameras tar-ritratti wehithom xi erba' snin qabel ma xhedet. Qalet li l-appellant kiser il qsami ta' bejneithom meta qabad il-knaten u waddabhom. Dwar il-kancell tghid li kien ilu hemm diversi snin u cioe ferm qabel ma gara l-incident. Tghid li l-kancell l-appellant qalghu divesi drabi u dan jikkostitwixxi abbuz fuq il-proprjeta taghha. Qalet li hija qabdet il-qsami u tefghtuhom fuq hwejjigha.

Mistoqsiha dwar il-linja ta' bejn Calleja li tohrog mic-certfikat esebit fuq il-pjanta annessa mad-dokument MR1 jidher il-bini bl-ahmar, u tghid li dan huwa taghha. Dwar il-kancell, il-knaten u l-hamrija tghid li jigu 'l barra mill-linja l-hamra u qed timmarkha b'salib fejn kien.

Illi nhar is-7 ta' Frar 2023 ix-xhud regghet tat it-testimonjanza taghha u mistqosija tghid kif effettivament l-akkuzat fixkilha fil-pusess ta hwejjigha u cioe kif nehhilha l-hamrija. Tghid li l-akkuzat dahal fi hwejjigha, qalghalha l-qsami, bexxilha s-sigar tal-frott, nehhilha l-qsami, kisrilha s-sigar tal-frott bl-imghazqa. Tghid li kellha tghamillu rapport. Tghid li kiser zewg ordnijiet tal-Qorti u f'din il-kawza rega' ghamlilha l-istess affarijiet ghalhekk kienet irraportatu. Kienet tistaqsih ghaliex kien qed jghamlilha l-hsara u kien iwegbiha billi jitkellem hazin. Qalghet ix-xatba li kellha tal-aluminium abjad, qalghhahielha kemm il-darba. Kellha bieb ta' garaxx kbir u qalghhulha kemm il-darba billi jidhlilha bil-mohriet. Mistoqsiha kif kien jaqlghlha l-hamrija tghid li kien jidhol fil-proprjeta taghha bil-mohriet jaqlaghlha l-hamrija u wara iregga lura bis-sikek u b'hekk jitfa' l-hamrija ghal gol-ghalqa tieghu. Jghid li vera meta poggew il-qsami il-haddiema darba minnhom ghaddew minn fuq l-ghalqa tieghu. Qalet li x-xatba li

qalghalha fiha xi zewg metri u murija fol 7 tar-rapport ta' Jonathon Mizzi li dik murija hemm mhxu ix-xatba li kellha hi. Izda hemm sigra tal-hawh li hija taghha fir-ritratt. Qalet ukoll li l-akkuzat kien ghaddej bil-mohriet u kien hemm kantun hiereg 'l barra u kissirulha bil-mohriet hu u ghaddej biex ikompli jidhol fil-proprjeta taghha. Mistoqsija jekk ix-xatba kienitx hemm qabel is-sena 2018 tghid li hemm kienet. Qalet li kienet wahlitha fil-bitha izda xorta l-akkuzat qalghaha. Muriha r-ritratt a fol 9 tghid li jidher il-hajt tal-bitha taghha pero' f'dan ir-ritratt l-akkuzat qieghed fi hwejgu. Tibqa' tinsisti li l-akkuzat dahal fi hwejjigha b'zewg piedi. Tghid li kienet ghamlet il-knaten biex ma jaqbadx u jidhol fi hwejjigha. Tghid li l-knaten kien gabhomlha habib taghha meta talbitu jghinha. Tichad dak li gie suggerit lilha li poggiet il-knaten fi hwejjeg l-akkuzat u tinsisti li kienu mpoggija fil-proprjeta taghha.

Qalet li l-art taghha u dik tal-akkuzat kienu jinhadmu b'mod separat. Kienu jinhadmu z-zewg bicciet pero' b'mod separat. Ghal darb ohra tghid li l-ponot kienu got-trab. Jigifieri kienu imhawla fl-art u kien hemm madwar sitta *presso o poco*. Mistoqsija jekk ratx lill-akkuzat jaqla' l-ponot tghid li hemm il-*pen drive* tal-akkuzat diehel bil-mohriet, bid-dumper u baqa' ghaddej minn fuqhom. Kien qed jahrat kemm l-art tieghu kif ukoll dik taghha. Qalet li baqa' diehel dawn iz-zewg piedi ghal fuq il-proprjeta taghha anke wara li sar dan ir-rapport.

Mistoqsiha jekk tafx x'irregistrat mal-Land Registry tghid li taf li irregistraw hmistax-il metru dak li gie imholli lilhom minn missierhom. Qalet li hija irrgistrat sehma li hu 7.7 metri. Tghid li fejn dahal l-akkuzat kien jdher sew ghalkemm wara certu zmien kiber il-haxix u ghalhekk m'ghadux jidher daqshekk.

Rat ix-xhieda ta' **George Vella** moghtija nhar it-28 ta' Settembru, 2021 jghid li ilu jaf il Rose Vella mawar 40 sena ghaliex martu hadet in-negozju taghha u jaf fejn toqghod ghax mar ghandha diversi drabi. Jaf li wara l-proprjeta taghha ghandha r-raba u dan hu maghluq b'hajt mad-daawra kollha sabiex jindika fejn jispicca. Ir-raba ta' wara jigi fuq it-Tramuntana. Fuq n-naha l-ohra l-appellant ghandu garaxx fejn ipoggi truck u ghandu bicca raba ukoll. 'L fuq minn dan ir-raba li semma hemm raba iehor. 'L fuq izjed hemm il-lukanda Kempinski.

Qal li bejn ir-raba ta Rose u dik tal-appellant kien hemm il-qsami li jifirdu l-istess raba. Dan jaf ghaliex bhal kif diga qal ilu jiffrekwenta id-dar ta' Rose ghal zmien twil. Jaf li hemm qsami ghax rahom b'ghajnjeh. Kienu mghadsin fil-hamrija u kienu jiporgu 'l fuq xi pied. Itenni li dawn rahom fiz-zmien li kien imur ghand Rose. Kien imur ghandha f'okkazjonijiet bhal Milied u l-Ewwel tas-Sena u gieli mar ghandha bix-xoghol u kienet thallsu fuq il-post.

Jghid illi lil Rose hadmilha fir-raba li ghandha fuq wara tad-dar taghha. Kien ihawwillha s-sigar tal-laring u kien hadilha xi demel.

Qabel id-19 ta' Settembru 2020 mar id-dar ta' Rose u kien mar wiehed jismu Eddy li jahdem il-Lands Authority u dan mar hemm biex ikejjel u jsitabilixxi l-qasma ta' bejn Rose u l-appellant. Dan kien mar ghaliex il-qsami kienu icaqilqu pero' dan Eddy kien sab li l-kejl kien sewwa. Jaf li mbaghad tpogga rixtellu u tpoggew knanten mad-dawra. Mistoqsi jekk il-*gate* muri a fol. 5 tar-rapport RV1 hux l-istess li jaf hu iwiegeb fl-affermattiv. Jghid li hu plain u bla disinji. Muri r-ritratt ta' isfel ta' pagna 5 fejn jista' jara bniedem jahrat u mistoqsi dwar il-kantun f'liema pozizzjoni qieghed vis a vis tal-bniedem li jidher u jghid l-knaten qeghdin il-gewwa u gol-proprjeta ta' Rose Vella.

Mistoqsi in kontro ezami jekk hux qed jgharaf il-pesuna fir-ritratt jghid li ma jgharfux izda meta ra l-filmat li minnu hu migbud dan ir-ritratt gharaf lill-appellant u dan ghax r-raba li fih qieghed huwa tieghu u t-tractor huwa tieghu. Muri a fol. 6 tar-rapport RV1 u mistoqsi dwar il-knanten li jidher fuq iwiegeb illi jaqbel li tidher filliera tal-knaten mad-dawra. Mistoqsi dwar il-pozizzjoni ta' l-individwu li jidher fir-ritratt ighid li ir-ritratt qieghed fil-proprjeta tieghu. Mistoqsi dwar ir-ritratt ta isfel a fol. 6 tar-rapport jekk jiftakarx meta nbena l-hajt jghid li ser jghalaq kwazi sentejn u dan inbena go ta' Rose Vella. Jghid li kien presenti meta kien inbena l-hajt u ghalhekk rah jinbena.

Mistoqsi jekk jafx illi l-hajt inbena bejn tlett piedi u erba' piedi 'l gewwa mil-linja tal-qasma ta' bejn Vella u Calleja wiegeb illi l-hajt inbena dobblu u qieghed kollu go ta Rose Vella. Mistqos dwar il-qasma ta' bejn Rose Vella u l-proprjeta ta huwa jekk kienx hemm qsami jghid li ma jafx. Jikkonferma li qabel ma inbena l-hajt qsami ma kienx hemm. Dwar i-qsami ta bejn l-ahwa ma jafx bihom.

Muri d-dokument MR1 kif ukoll ir-ritratt ta isfel fuq pagna 6 tad-dokument RV1 u mistoqsi mill-gdid dwar il-qsami ta bejn Rose u huha jghid li minkejja li l-plot ta Rose hija dejqa innota biss il-qsami ta' Bejn Rose Vella u tal-appellant. Innota ta' genb wiehed biss. Qabel inbena l-hajt ta' bejn Rose u huha ma kienx rahom. Mistoqsi dwar f'idejn kienet r-raba li ghandu l-appellant ighid li ma jafx. Jaf li missier Rose Vella kien miet wara ommha u ilu mejjet tlettax-il sena. Missier Rose kien joqghod maghha.

Jikkonfemra li hemmhekk kien razzett wiehed  kien ta' missier u omm Rose Vella. Fl-ghalqa ta' wara dan ir-razzett jghid li ma jiftakarx x'marki hemm ezatt . Li jaf biss bil-marki ta bejn l-appellant Calleja u Rose Vella.

**Jean Paul Cefai** xehed ukoll quddiem Dr Andrew Sciortino u jghid li huwa surveyor u kien gie imqabbad mill Perit Karmenu Borg u l-perit Cormelia Tabone sabiex jaghmel survey tal-proprjeta ta' Rose Vella u cioe l-art fi Triq ir-Rokon San Lawrenz.  Dan kien xi madwar qabel.  Muri r-rapport mmarkat RV1 jghid li bejn ir-raba proprjeta ta' Rose Vella u dik tal-appellant kien hemm xi kantuni tul id-dawra. Kien hemm gate ukoll. Dawn kienu jindiakw il-qasma. Il-qasma ta' bejn il-proprjeta ta Rose Vella u dik tal-gar taghha. Muri r-ritratt a fol. 6 tar-rapport jghid ili dan huwa l-gate li ghamel referenza ghalih. Il-knaten kienu gewwa 'l gate.

Jghid li ghamel is-survey u kien diga xehed u fil-fatt jiftakar anke li l-Magistrat kienet marret fuq il-post  u kien uriha l- qsami. Huwa pprezenta dokument  li gie markat bhala Dok. JP 1 li juri l-qsami li tkellem dwarhom. Jghid li xoghlu kien biss li kejjel u li mhux jinterpreta pjanti . Dak xoghol il-perit.

Mistoqsi dwar is-serer tal-appellant jghid li ma jafx bihom u li ma kienx rahom. Il-knaten fid-dokument jindikaw dawk li kien hemm bejn l-proprjeta ta Rose Vella u l-appellant. Meta kien ha il-kejl ta Rose Vella l-appellant ma kienx prezenti.

**Joselle Pace** xehdet nhar id-29 ta' Novembru, 2022 bhala rapprezentanti tal-Artijiet u pprezentat proprjeta numru 54000564 li giet markata bhala Dok JP1, certifiakt tat-titolu markat bhala dokument JP2 property number 54000516, JP3 certifikat tat-titolu

54000411, JP4 proprjeta numru 54000674. Il-pjanta tal-parcels li giet mmarkata bhala dok JP5.

**Perit Carmelo Borg** xehed nhar l-24 ta' Jannar 2023 il-Qorti jghid li Rose Vella kienet kelmitu u talbitu parir minhabba li kellha l-qsami, il-marki tad-divizjoni ta' bejnha u bejn il-gar l-appellant kienu qeghdin jiccaqilqu. Qallha biex taqta' laham il-haj kellha tibni hajt tas-sejjieh. Intalab imur fuq il-post biex jara kif kien il-kaz. Fuq il-post sabu l-qsami imcaqilqin u kienu qeghdin maqlubin ghal go taghha madwar xi metru jew metru n-nofs u x'hin tmisshom jidhru li mhumiex imwahlin fil-hamrija. Qalulha li kella tiffissa il-linja divizorja u li kellha tikkonsulta mal-gar pero' qatt ma waslu min naha tal-akkuzat

Jghid li l-kwerelanti Rose Vella kienet gabet il-bennej biex ikun jista' jiffissa l-linja fejn ghandhom isiru, jitla l-hajt tas-sejjiegh.

Mistoqsi x'kejliet hadu u x'ezercizzji ghamlu biex jistabilixxu dawn il-qsami ezattament fejn kienu u ma kienux jghid li kienu ghamlu survey ta' dawk l-akwati kollha mill-proprjeta ta' Rose Vella sa Triq San Lawrenz rabtu mat-triq u mill-proprjeta taghha kejlu l-proprjeta tal-akkuzat u kejlu l-proprjeta ta' Martin Debrincat ghar-raguni li rabtu ma hajt tas-sejjieh. Jghid li dan kollu wassal ghal proceduri ċivili. Jghid li is-survey li uza n-neputi ta' Dr Mario Scerri il-Qorti kien l-istess li kien ha hsieb hu pero' wara li ghamel uzu minnu jghid li s-survey hu hazin biex jiskredita perit iehor. Jghid li l-art kollha tal-akkuzat u tal-kwrelanti kienet proprjeta ta' missierhom u kien hu li kien mar biex jaqsam l-art. Qal li meta il-qsami ikunu mwahhla ghalihom l-periti tfisser li huma li jkunu mwahhlin ghaliex ikunu mghaddsa fil-hamrija. Qal li meta rega' mar sab li kienu maqlubin 'il gewwa aktar fuq ir-raba ta' Rose Vella. Kienu jikkonsistu f'bicciet tal-gebel tal-kantun u bicciet tal-gebel ohra. Qal li l-art ta l-akkuzat fiha xi seba' metri u xi haga waqt li ta' Rose hija harira usa minkejja li iqsar mill-fond. Jikkonferma li ma jaqbilx mar-rapport li ghamel il-perit fil-procedura civili. Qal li meta pprezenta r-ritratti mill-ajru tal-Google maps sabu li kien hemm xi 6.6 metri izda huwa irregistra 7.5 metri mal-Land Registry . Jikkonfemra li hu qatt ma ra lill-akkuzat icaqlaq il-qsami ghal gol-proprjeta ta' Rose Vella.

Il-**Perit Cornelia Tabone** xehdet nhar l-24 ta Jannar 2023 u spjegat li Rose Vella kienet ikkunttjat iz-ziju taghha il-Perit Carmelo Borg rigward xi qsami bejn il-proprjeta taghha u dik tas-sur Calleja. Taf li kellha concern ghaliex qalet li dawn il-qsami kienu ccaqilqu. In segwitu accediet fuq il-post ta' Rose Vella flimkien ma zijuha u dahlu fuq l-ghalqa fil-wara tad-dar u raw il-post li hemm li jiddifinixxu l-linja divizorja bejn il-proprjeta tas-sinjuri Vella u dik tas-sur Calleja. Milli rat kien jidher li kienu gew imcaqilqin ghaliex ma kienux *fixed* gol-hamrija kienu *loose*. Tghid li kienu marru hemm xi sentejn qabel. Qalet li mbaghad raw ir-ritratti mehuda mill-ajru u tlabniha taghmel survey b'*surveyor* biex ikunu preciz fis-sitwazzjoni ezistenti biex imbaghad jaghmlu paragun mar-ritratti tal-ajru matul iz-zmien biex jaraw x'tibdil kien hemm. Qalet li sar *survey* minn John Paul Cefai u dan kien ghaddih lilhom u ghamlu super imposition ta' dan is-survey fuq ritratti mill-ajru ta' diversi snin u minn din il-comparison irrizulta li l-qsami vera iccaqilqu lejn id-direzzjoni tal-proprjeta tas-sinjura Vella. Ghalhekk tawha parir biex tikkonsulta mal-gar taghha s-sur Calleja biex b'hekk terga' tigi iffissata il-linja divizorja bejniethom. Izda huwa ma riedx li din il-linja divizorja tigi iffissata ried li l-ponot li kien hemm imcaqilqa jbqghu kif kienu.

Mistoqsija jekk qabel din l-okkazzjoni kienitx marret fuq il-post tghid li le, ghalkemm il-perit Borg kie mar qabel ukoll . Qalet li ukoll apparti l-ezercizzji fuq dak li rregistrat Rose Vella ghamlet ukoll l-ezercizzji fuq l-art li kien irregistra l-akkuzat Tghid li kienu ghamlu paragun bejn dak li kien irregistra l-akkuzat u dak li kien irrizulta mis-*survey* u ukoll ma qablux. Qal li dak li rrizulta mill-ezercizju hu li dak li hemm on site ma jirreflettix dak li rrizulta lilhom. Ikkonfermat li fir-ritratt tal-ajru tas-sena 2016 jidher li l-ponot ta' bejn Rose Vella u l-akkuzat resqu lejn id-direzzjoni ta' Rose Vella u b'hekk tghid li Rose Vella u huha ma' xulxin m'ghad baqghalhomx kejl globali ta 15m bhal ma suppost ghandhom. Qalet li r-ritratti mehuda mill-ajru ma jigdbux.

**Carmelo Cutajar**, l-akkuzat xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar is-7 ta' Frar 2023 u kkonferma li qatt ma dahal 'l gewwa mill-qsami li hemm. Qal li dejjem dahal fil-parti tieghu. Dwar l-injama u x-xatba jghid li Rose poggiethom gol-proprjeta tieghu u ghalhekk qabad u qalaghhom u poggihom f'taghha. Qal li l-inkwiet bejnu u bejn l-

kwerelanti beda meta l-kwerelanti ghamlet il-qasma ma huha. Dakinhar dahlet mill-ghalqa tieghu bil-permess tieghu u l-qsami kienu ghadhom hemm. Imbaghad darba minnhom jghid li harku bicca mill-qsami, dawn daghbu u hija bdiet tghid li kien hu li caqlaqhom u harathom hu. Mistoqsi jekk meta harat dakinahr kienx mess il-qsami jghid li qaghad fil-parti tieghu. Ma messx qsami u qaghad attent ghax jaf il-kwistjoni u ghalhekk qaghad fil-parti tieghu kemm jista' jkun. Imbaghad qal il gabet il-knaten u tefghthom fil-proprjeta tieghu u ghalhekk qabad u poggihom fil-parti taghha u dan ghaliex kienet tpoggihom fiz-zewg metri li kienu jaqghu fil-parti tieghu flimkien mal-injama u x-xatba. Meta jghamel hekk tmur il-pulizija. Qal li l-kwerelanti bdiet taghmel il-knaten fil-parti tieghu tant li ghadhom hemm sa illum dawn il-ponot jekk ma qalghathomx. Qal li huwa rregistra l-art ta' missieru, iz-ziju u taz-zija. Qal li hu kien xtara l-art minghand missieru. Qal li fis-sena 2020 il-Magistrat beda jghajjat mieghu u qallu li kien dahal fil-proprjeta taghha u dan kien fil-5 ta' April. Fuq il-post qal li l-kwerelant tefghet il-kantuni fil-parti tieghu u hu qabad u tefaghhom f'dik il-parti taghha. Jghid li kien jahdem l-art pero' mill-qsami 'l gewwa u qatt ma dahal fil-parti taghha fl-ebda hin. Muri id-Dok SM5 jghid li huwa il-*parcelling* ta' bejn il-proprjeta tieghu ta' Rose Vella u l-familja Debrincat. Huwa immarka fejn kien isib il-knaten bis-sinjal 'X'.

Jghid li sakemm gie imkecci mill-ghalqa kien ghad fadal zewg ponot dakinhar meta xehed ma jafx jekk kienx ghad fadal minnhom. L-ohrajn jahseb li nehhiethom Rose Vella izda ma rahiex pero' ma sabhomx hemm. Jghid li hu qsami ma nehhiex. Jghid li hu fl-ghalqa imur meta ikun hemm il-haxix, imur u jahrat. Meta ikun hemm il-frott imur ta' kuljum izda meta ma hemmx frott imur biex jahrat meta ikun hemm bzonn.

Muri r-ritratt numru 6 tar-rapport ta' Jonathon Mizzi u jikkonferma li din hi l-gate li kien hemm bejn ir-raba tieghu u dik ta' Rose Vella. Jghid li jidher bil-mohriet u l-gate qieghda fir-raba tieghu. Ghalhekk qabadha u tefaghha fil-qasma. Jghid lil-gate kienet poggietha hemm Rose izda kien ilu ma jmur 'l hemm fis-sajf ma jittawwalx. Qal li kienet ilha pogguta hemm u mar biex jahrat sabha hemm u qalghha. Qal li hemmhekk ghandu garage u fih idahhal il-bowser u ikun hemm ta' spiss u dan jinsab quddiem l-ghalqa fejn proprju hemm il-kwistjoni dwarha. Int u thares lejn id-dar ta Rose Vella fuq ix-xellug

hemm il-garage tieghu u l-ghalqa fejn hemm il-kwisjtoni dwarha tigi ezatt wara il-garage. Ikkonferma li l-ponot kienu impoggija zewg piedi l-gewwa fir-raba tieghu. L-knaten kienu 'il gewwa mill-ponot. Il-gate kien 'il fuq mill-ponot iżda wkoll fir-raba tieghu. Qal li Rose Vella mexxiet il-linja ghal gor-raba tieghu kompletament. Bejn il-proprjeta teighu u dik ta' Debrincat hemm hajt u mhux ponot. Jghid li l-hajt inbena flok il-qsami imma mhux fejn suppost inbena.  Induna li l-hajt ta' bejnu u bejn Debrincat ma kienx sew meta Rose Vella bdiet titfa' l-kantuni. Qal li skond id-DNA tal-kantuni dawk kienu jigu min naha ta' RoseVella ghalkemm ma jafx jekk kienitx hi li poggiethom jew xi hadd imqabbad minnha.  It-trab jurik li kienu jitgerbu minn naha taghha pero' qatt ma ra lil hadd imexxihom.  Qal li huwa qabad u nehha il-gate li kien fil-proprjeta tieghu u harat ir-raba tieghu u ghalhekk hamrija qatt ma messilha. Qal li ppretenda li x-xatba kienet fir-raba tieghu u ghalhekk qabad u qalghaha u tefaghha fir-raba tieghu.

**Perit Alexei Pace** xehed nhar  il-21 ta' Gunju , 2023  u jghid li huwa kien il-perit f'kawza civili bejn il-kwerelanti u l-akkuzat u mistqosi jekk il-konfini indikati minnu fir-rapport tieghu ivarjawx mill-konfini kif gew registrati mill-partijiet fir-Registru ta' l-Artijiet ighid li iva ivarjaw kif indiakt fil-pjanta APZ fejn juri il-konfini li huwa kejjel fuq il-post u cioe l-konfini bejn Rose Vella u l-akkuzat. Huwa pprezenta l-pjanta  tieghu li giet markata bhala Dok APO2 u r-rapport tieghu li gie markat bhala Dok APO1. Qal li il-konfini bejn Vella u l-akkuzat mhux definiti.

In kontro ezami jghid li kien gie nomiant f'April 2021 mill-Qorti Civili. L-access kien sar fid-29 ta' Mejju 2021. Kif kienet is-sitwazzjoni qabel id-19 ta' Novembru 2020 ma jistax jghid ghaliex dik kienet l-ewwel darba li mar fuq il-post u cioe fid-29 ta' Mejju 2021.

Il-**Perit Edward Scerri** xehed nhar il-21 ta' Gunju 2023 u qal li ilu jaf dwar il-kwistjoni ta' bejn l-partijiet sa minn qabel Novembru 2021. Qal li hwua kien gie imqabbad mill-klijent tieghu l-akkuzat biex igib permess tal-izvilupp biex jibni *agricultural store*  fi Triq ir Rokon biswit il-lukanda Kempinski. Jaf in segwitu li kienu inqalghu xi kwistjonijiet dwar il-qsami bejnu u bejn Rose Vella.  Kien ordna survey tal-artijiet jigifieri ta' Calleja u ta' Vella u anke ta' Debrincat li tigi tmiss ma ta' Calleja min naha ta' nofsinhar.

Meta ghamel is-survey digital kien qabbilha ma dak li kien hemm fizikament fuq il-post, mal-pjanti li kien hemm il-Lands Registry u sab li kien hemm diverġenza mhux hazin u

dan fil-pozizjoi tal-hajt ta bejn Calleja u Debrincat min naha ta' Nofsinhar u l-hajt li kien hemm bejn Rose Vella u Calleja min naha tat Tramuntana . Kien hemm divergenza bejn dak li rrizulta fuq il-post u l-pjanti registrati fil-Lands. Fir-rigward divergenza ma' Rose Vella kien hemm divergenza ta' circa 1.5. Jaf li kien hemm xi dizgwid fuq il-qsami ta bejn l-art tal-akkuzat u dik ta' Rose Vella. Qal li kien hemm divergenza bejn il-hajt taghha u dik ta huha Joseph Vella u minhabba f'hekk Rose Vella kient ser tidhol fir-raba tal-akkzuat. Ipprezenta kopja tas-survey digitali li giet markata bhala Dok. ES1.

Mistoqsi in kontro ezami jekk is-survey ghamlux wara li kien gja ghamel wiehed il-Perit Carmelo Borg jghid li ma jafx pero' jista' jkun. Jammetti li l-hajt ta bejn il-proprjeta ta Rose Vella u huha Joeph Vella ma kienx mibni korrett. Jghid li konfini bejn Rose Vella u l-akkuzat meta mar hu ma kienux definiti. Jghid li id-diskrepanza qieghda mill-fatt illi l-hajt ta bejn Debrincat u Calleja mhux mibni kif suppost u skont kif hemm fir-registru tal-Artijiet.

Ikkunsidrat.

Jinghad qabel xejn li kawza dwar raggion fattasi m'ghandhiex iddum pendenti quddiem il-Qorti ghal daz-zmien kollu u cioe kwazi erba' snin shah fejn jingabru aktar minn erba' mitt pagna provi. Dan hu inaccettabli meta kawzi bhal dawn huma destinati biex ikunu sommarji. Lanqas mhu korrett li l-Qorti takkorda lill-partijiet il-hin u zmien sabiex iressqu kull prova immaginabbli dwar titolu tal-art in desamina u dan ghaliex dawn huma proceduri kriminali u cioe l-akkuzat hu akkuzat bir-reat ta' *raggion fattasi* li hu bazat merament fuq pusess. L-ewwel Qorti kienet konxja ta' dan kollu u cioe tal-hela ta' zmien taghha meta qalet lill-avukat difensur li donnu d-domandi li kienu qed isiru lill-periti jikkoncernaw azzjoni civili ta' *action rei vindicatoria* cioe nonnsotante xorta ammettiet id-domandi dwar titolu. Dan m'ghandux jithallas isir ghaliex l-azzjoni civili u dik kriminali ghandhom jinzammu sperati kif del resto anke jipprovdi l-artikolu 6 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Illi l-ewwel u qabel kollox sabiex jissussisti r-reat irid jkun hemm dak l-att spoljattiv li permezz tieghu l-awtur tieghu jfixkel jew jiddisturba l-uzu, tgawdija jew pussess tal-

parti leza u allura icaqlaq l-istatus quo u dan billi jippretendi li ghandu xi jedd skont il-ligi. Infatti din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fl-appell fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bongailas**[5], hekk stqarret: L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi il-propjeta' taghha. Il-kelma **pussess**, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.

**Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta'spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni.**

Dan ghaliex[6]:

**'id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn** rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu'. artikolu, ghalhekk, jittutela l-*pussess* tal-haga u mhux necessarjament ukoll.

Ukoll fl-appell **Pulizija vs John Vassallo**[7], il-Qorti qieset illi 'Taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali *ma hemm ebda bzonn illi jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-dicitura ta' l-artikolu hija cara u l-legislatur certament ried illi jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, anke s-semplici drittijiet normalment kompetenti lill-persuni koncernati.'*

Dan ghaliex:

> *'id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat- tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le*

---

[5] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u datata 22.10.2001

[6] Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs John Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef William Harding u datata l-24 ta' Ġunju 1961

[7] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Godwin Muscat Azzopardi u datata 22.3.1991.

*l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu*[8]*'*

"Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' darreat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju .

Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet .

L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha.[9]"

*"Hu risaput – u dan, del resto johrog mill-istess definizzjoni tarreat in dizamina – li l-istess att materjali jista jaghti lok ghar-reat ta' ragion fattasi jew ghal iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana ir-reat ta' ragion fattasi jew xi reat iehor jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu irrilevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika. Fi kliem il-gurista Antolisei: "quanto all'elemento soggettivo generalmente si afferma che occorre un dolo specifico, il quale sarebbe costituito dal fine di esercitare un preteso diritto. Questa opinione deriva da una inesatta nozione del dolo specifico. Il fine di esercitare un preteso diritto, invero non e' altro che l'intenzione di farsi ragione da se medesimo, e siccome questo 'farsi ragione ecc' non e un quid che sta al di la del fatto che costituisec il reato, ma il fatto medesimo (azione ed evento) il dolo richiesto deve ritenersi generico, e non specifico"*[10]

[8] Il-Pulizija vs John Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef William Harding u datata l-24 ta' Ġunju 1961.
[9] l-Pulizija vs Eileen Said deciza App.Inf 19/06/2002
[10] Il-Pulizija vs Mario Lungaro deciz App.Inf. 15/11/1996

Dan ghaliex:

> *'id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat- tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu[11]."*

Issa l-kontestazzjoni ewlenija li qed tigi ventilata mill-appellanti tistrieh fuq il-fatt illi Rose Vella poggiet il-qsami u ix-xatba bajda fil-prorpjeta tal-akkuzat u ghalhekk l-akkzuat wara xi żmien qabad u qaleb kollox ghal gol-proprjeta taghha u dan ghaliex fil-fehma tieghu dan ma kellux isir ghax bl-agir taghha kienet qed tuzurpa parti mill-proprejta tieghu u cioe zewg metri. Dan stabbilit, madanakollu, din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' indoli penali ma ghandiex setgha tistharreg kwistjonijiet ta' natura civili, u cioe' jekk il-jedd ta' uzu tar-raba jestendiex ghal dik il-parti fejn poggiet il-qsami u xatba bajda ukoll, izda biss ghandha tistharreg jekk l-elementi li johorgu mir-reat mahsub fl-artikolu 85 jissussistux u kwindi jekk kienx jezisti xi stat ta' fatt li unilateralment gie imfixkel mill-appellanti, indipendentement meta bl-agir tieghu iddisturba it-tgawdija tar-raba li ghandha is-sinjur Rose Vella meta qabad u unilateralment dawwar il-qsami ghal fuq il-parti tar-raba taghha u billi qabad u qala l-kancel li kien ilu hemm imwahhal ghal xi zmien.

**<u>L-ewwel aggravju</u>** tal-appellant jirrigwardja n-nuqqas ta' prova tal-elementi tar-reat ta' raggion fattasi. Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tghaddi issa sabiex tiddeskrivi l-elementi ta' raggion fattasi izda li dan hu kaz ta *vin vi repellere lecit*.

---

[11] Il-Pulizija vs John Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef William Harding u datata l-24 ta' Ġunju 1961.

L-offiza tar-ragion fattasi dderivat fil-ligi taghna mill-Artikolu 168 tal-Kodici Naplitan jew Codice del Regno delle due Sicilie tal-1819. L-offiza giet klassifikata mill-legislatur taghna bhala wahda mid-delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u Amministrazzjonijiet ohra. Il-**Professur Sir Anthony Mamo** fin-noti tieghu fuq il-Ligi Kriminali fit-tieni volum, iddeskriva dawn l-offizi kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja bhala s-segwenti:

> *'These crimes attack the State but indirectly, inasmuch as, without being actuated by motives hostile to the Government, they proceed from other causes, often of a private character and affect those social institutions on and by which the machinery of the Government rests and moves: those institutions, that is to say, which provide the means of guaranteeing to every member of the community the integrity of his rights and those benefits which derive from the state of civil society.'*

Il-gurista **Francesco Carrara** fil-ktieb tieghu[12] jiddefinixxi l-offiza tar-ragion fattasi bhala ssegwenti:

> *'La ragion fattasi è il delitto di chiunque credendo di aver un diritto sopra cosa nell'altrui possesso, o sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all'autorita' pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti.'*

L-Imhallef Emeritus Vincent De Gaetano fil-kawza **Il-Pulizija -vs-Anthony Micallef**[13] din il-offiza giet deskritta bis-segwenti mod:

> *'Ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja, u aktar precizament id-delitt ta' l-uzu*

[12] Volum V fil-Parti Specjali.
[13] Appell Kriminali numru: 232/2002 deciz nhar it-30 ta' Lulju 2004.

*kontra l-ligi mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita' pubblika.* ***L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali hu intiz mhux biex jipprotegi l-proprjeta', mobbli jew immobli, ta' dak li jkun - ghal tali protezzjoni hemm l-azzjoni civili – izda biex jipprevjeni l-uzurpazzjoni mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita' pubblika.*** *Isegwi ghalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni moghtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet civili, jekk jirrizulta bhala fatt li kien hemm l-uzurpazzjoni ravvizata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom jagixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali.' (enfazi mizjuda)*

Minn hawn johrog bic-car li l-Qrati ta' Gustizzja Kriminali fl-ezami tal-imputazzjoni taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali huma mghobbija bl-ezami jekk il-privat u f'dan il-kaz l-appellant uzax l-awtorita' tieghu innifsu flok ma rrikorra ghand l-Awtoritajiet kompetenti.

Il-gurista Francesco **Carrara** fil-ktieb tieghu fuq kwotat jelenka erbgha (4) elementi li jridu jissussistu sabiex imputat jinstab hati ghar-reat. Dawn l-elementi huma s-segwenti:

*1. Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo;*
*2. Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto;*
*3. Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati;*
*4. Mancanza di titolo piu grave.*

Dawn l-erba' elementi gew adottati fil-Qrati taghna fosthom fil-kawzi **Il-Pulizija -vs- Giuseppe Bonavia et**,[14] **Il-Pulizija -vs- Salvatore Farrugia**[15] u **Il-Pulizija -vs- Professur Henry Frendo**[16] li huma ssegwenti:

'Kif inhu risaput, l-erba' elementi li jridu jikkonkorru biex jikkonfigura ruhhu r- reat ta' ragion fattasi huma:-

> *(1) att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor,*
> *(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt,*
> *(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika, u*
> *(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.*[17]

**Att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor.**

Fil-kaz odjern irrizulta li l-appellant qabad u ressaq il-qsami li kien hemm jiddividu l-propjeta tieghu mal-gara tieghu Rose Vella, qabad u nehha kancell abjad li ukoll kien hemm fil-proprjeta taghha u dan ghaliex jghid li kienu impoggija fil-parti tar-raba tieghu. Jista' jkun li din il-porzjon art hija kontestata jekk tappartjenix lil Rose Vella jew lill-akkuzat li hu zgur pero' li Rose Vella kellha il-pusess taghha tant li kienet hi jew ahjar fuq struzzjonijiet taghha li gie imwahhal il-kancell zmien ilu li gew impoggija il-qsami. L-akkuzat jammetti li

[14] Deciza nhar l-14 ta' Ottubru 1944 mill-Qorti tal-Appell.
[15] Deciza nhar l-14 ta' Dicembru 1957 mill-Qorti tal-Appell
[16] Deciza nhar id-19 ta' Awwissu 2005 mill-Qorti tal-Appell
[17] Ara wkoll **Il-Pulizija vs Anthony Zahra** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imhallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Gunju 2014. Ara wkoll fost ohrajn **Il-Pulizija vs Mario Bezzina**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imhallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Michael Lungaro**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-imhallef Joe Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003 u **Il-Pulizija vs Eileen Said** deciza mill-Qorti tal-appell Kriminali Sede Inferjuri ppreseduta mill-Imhallef Joe Galea Debono u datata d-19 taz Gunju 2002.

kien hu li nehha l-qsami u qala' l-kancell. Jghidli kien ilu ma jmur hemm ghax kien ghadda is-sajf u meta mar fl-ghalqa rahom hemm u qabad u dawwarhom ghal fuq il-proprejta ta' Rose Vella. M'hemmx dubju li dwar it-titolu ta' dawn iz-zewg metri hemm ukoll kawza civili pendenti bejn il-partijiet pero' zgur li l-mertu ta' dik il-procedura ma taffettwax il-procedura pendenti  Oltre minn hekk tajjeb li jigi enfasizzat illi minhabba dak li ghamel l-akkuzat, il-parte civile ma tistax tgawdi l-proprjet taghha bis-erhan tal-mohhli l-proprjeta taghha hija diviza min ma dik tal-akkuzat. Kif rifless fil-gurisprudenza indikata *supra*, '*jew li wiehed b'mod iehor kontra l-ligi, jindahal fi hwejjeg hadd iehor*' jinkorpora cirkustanzi li mhumiex ristretti ghal xi forma ta' spoll fis-sens tal-ligi civili. B'dal li ghamel l-appellanti zgur li ppriva lil kwerelanti milli jkollha t-tgawdija totali tal-proprjeta taghha. Ghalhekk l-att estern tal-offiza huwa pruvat. Ghandu jigi riaffermat li sabiex din l-offiza tissussisti pussess jew detenzjoni huwa bizzejjed **u mhux necessarju li tipprova titolu ta' proprjeta'.**

**<u>Il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt.</u>**

Illi hawnhekk irid jigi determinat x'intenzjoni kellu l-appellanti meta wettaq ir-reat u cioe' l-intenzjoni li jiehu l-ligi b'idejh u dan biex jezercita dritt li jahseb li ghandu. Hekk inghad fis-sentenza citata mill-appellant stess fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija -vs- Eileen Said</u>**:

> *"Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju.*
>
> *Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu iddgawdija taghha."*[18]

[18] Deciz minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta nhar id-19 ta' Gunju, 2002.

Fil-kaz in desamina jirrizulta li l-appellant ma kellux dritt jaqbad u jnehhi l-qsami li kien hemm u lanqas li nehhi il-kancell li kien hemm. Din il-Qorti ma setghetx ma tinnutax il-parti tax-xhieda tal-appellant fejn meta gie mitlub jispjega ghalfejn kellu bzonn jaghmel dak li ghamel stqarr li deherlu li l-qsami u l-kancell tpoggew fil-parti tar-raba li tghajjat lilu, li qabad u ghamel dan meta kien jaf bil-pretensjoni ta' Rose Vella izda dehrlu li jinjora l-pretensjoni taghha . Ghalhekk dan l-elememnt jirrizulta wkoll ippruvat.

**<u>Il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika.</u>**

M'hemmx dubbju li l-appellant kien jaf li l-kwerelanti kellha kull dritt li f'din il-parti tar-raba ghaliex kellha access mill- grada u ghalhekk fil-mument meta l-akkzuat qabad u ghamel dak li ghamel b'annuz taliprozjon raba kien ghadu disponibbli ghall-*parte civile*.

Illi l-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-actio spolii – **<u>huwa li tipprotegi l-istatus quo</u>**.[19] Issa mmaterjalment mill-jeddijiet ta' natura civili li jgawdu l-appellanti fuq din il-proprjeta', jirrizulta inkonfutabbilment illi l-kwerelanti kellha access liberu ghal din ghal din il-porzjon raba tant li l-kwerelanti kienet tidhol liberament u dan sakemm l-akkzuat qabad uharat fik il-parti tar-raba u inehhi il-kancell. Dan ifisser illi l-appellanti unilaterlament biddel dan l-*istatus quo* tal-kwerelant hesrem u b'mod illegittmu.

---

[19] Ara **<u>Il-Pulizija vs Jane Scicluna</u>** deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Frar, 2010.

**In-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi**[20]

Illi minn ezami tax-xhieda moghtija u tal-elementi precedenti jirrizulta b'mod inekwivoku li l-offiza ma hi xejn ghajr ghal dik ta' ragion fattasi. M'hemmx dubju li l-fatti kif esposti jammontaw ghar reat ta' raggion fattasi u ghall-ebda reat iehor salv forsi il-kontravenzjoni ta' dhul bla permess.

Ghalhekk fid-dawl ta' dak li ntqal aktar l' fuq din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet korretta fil-gudizzju taghha meta sabet lill-appellanti hati tal-akkuza kif addebtiata fil-konfront tieghu.

Ovvjament huwa sufficjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Ghall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi huwa bizzejjed xi forma ta' pussess.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Denise Caruana**[21] qalet hekk:

> ***'...... kwistjonijiet dwar titolu ma jistghux ikollhom effett sabiex tigi stabbilita jew eskluza ir-reita'. Dan ghaliex dak li trid tindaga il-Qorti huwa jekk kienx jezisti stat ta' fatt li ġie mibdul unilateralment minn parti wahda tant illi l-vittma ta' dan ir-reat tigi ipprivata mill-uzu jew tgawdija ta'l-oggett li kien fil-pussess tagħha qabel dak l-att spoljattiv... ...***
>
> *Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew migbura mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni tagħha, liema esposizzjoni tad-dritt hija dettaljata tant illi din il-Qorti ma ghandha ghalfejn izzid xejn iktar fir-rigward. Jigi osservat biss illi:*

[20] Ara fost diversi sentenzi, **Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia**, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia**, Appell Kriminali 17 ta' Frar, 1995; **Il-Pulizija vs. Carmelo Ciantar**, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll **Falzon, G., Annotazioni alle Leggi Criminali (Malta),** 1872, p. 123).
[21] Deciza fit-30 ta' Novembru, 2016 per Onor Imhallef E. Grima

***"Din il-Qorti tibda biex tghid li r-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hux intiz biex jissostitwixxi l-azzjonijiet rivendikatorji jew xort'ohra li bihom dak li jkun jikseb ir-rikonoxximent tad-drittijiet tiegħu fi jew fuq proprjeta`, mobbli jew immobbli.***

***L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp ċivili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-istatus quo."[22]….***

*"Ghall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi 'il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu sufficjenti ghall-avverament tal-ipotesi tal-ligi' (ara appell kriminali **Il-Pulizija vs George Zahra**, 16 ta' Lulju 1958 – Vol. XLII.iv.1453). Min ikollu oggett misluf lilu ghat-tgawdija tiegħu ghandu l-pussess materjali ta' dak l-oggett. Taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn li jigi ippruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk.[23]"*

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost din il-Qorti qiedgha tichad l-ewwel aggravju tal-appellant.

Illi bhala difiza l-appellant stqarr li dan kien kaz ta' **vim vi repellere lecit**. Fis-sistema ġuridiku Malti l-prinċipju tal-**vim vi repellere licet** ma hux t'applikazzjoni ġenerali, iżda jista' jservi ta' difiża f'ċerti każijiet limitati u kontemplati fil-Liġi. Dan jirriżulta mill-kitbiet tal-Professur Sir Anthony Mamo, fosthom fil-Lectures in Criminal Law, l-ewwel Volum, paġna 101 et seq. fejn Mamo anke jisħaq fuq il-fatt li fis-sistema Malti l-

[22] Ara **Il-Pulizija vs Jane Scicluna** deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Frar, 2010.

[23] Ara l-Appell Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija vs Mario Bezzina** deciz nhar is-26 ta' Mejju, 2004.

prinċipju tal-użu tal-vjolenza biex tiġi mbegħda vjolenza opposta hija kundizzjonata u ristretta għal sitwazzjonijiet partikolari.

**Giulio Crivellari** jispjega fil-ktieb tiegħu Il Codice Penale per il Regno d'Italia interpretato sulla scorta ecc. UTET, 1895:

> *"La massima vim vi repellere licet, come l'altra qui continuat non attentat…escludono l'esercizio arbitrario. Egli e` percio` che se per togliere il mio diritto di passaggio si erigera` una siepe, in quello stesso momento avro` diritto di abbatterla, allora respingero` un arbitrio, ma non commettero` mai un atto arbitrario."* [24]

Likewise **Francesco Antolisei[25]**:

> "L'ordinamento giuridico, infatti, ai fini della pace sociale, consente l'autotutela nei casi in cui si verifica il pericolo attuale di un attacco ingiusto, il che tradizionalmente viene espresso col principio generale vim vi repellere licet, e, nel caso specifico, con l'antica massima qui continuat non attentat.
> Pertanto, non commette esercizio arbitrario il possessore di un fondo che, usando violenza, si oppone a taluno che violentemente cerca di occupare il fondo stesso. Nel conflitto delle pretese prevale l'interesse del possessore.[26]"

Dan jidher li huwa wkoll sa ċertu punt rikonoxxut mill-appellant stess meta fir-rikors tal-appell studjat tiegħu, jiċċita varji każijiet deċiżi minn dawn il-Qrati fejn applikaw il-prinċipju tal-**vim vi repellere licet** fil-qasam tar-reati li jolqtu l-proprjeta – iżda fejn l-istess ġurisprudenza tirriżulta limitata għal ċerti sitwazzjonijiet ta' ragion fattasi.

---

[24] op. cit. Vol. VI page 751 (para. 303).
[25] Manuale di Diritto Penale – Perte Speciale II Giuffre` (Milano), 1986.
[26] op. cit. page 966.

F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza ta' **police vs Jane Deguara**[27] deciza minn din l-istess qorti diversament preseduta fejn inghad is-egwenti:_

> *It is clear from the above, however, that for the principles contained in these salutary maxims to be applicable, the opposition to the threatened spoliation or the retaking of possession must be immediate. Thus, for instance, if the landlord has forcibly evicted the person in possession of the premises by changing the lock to the door of the said premises while the possessor was out, the latter may, on returning in the evening force again the new lock and retake possession of the premises. He would not be guilty of the offence under Section 85 of the Criminal Code. But if the person who was in actual possession does nothing as soon as he becomes aware of the change, he cannot return two, three or four days later and break into the premises in exercise of his pretended right to re-acquire possession of the place. The raison d'etre for the principles above mentioned is that because of the actual threat of spoliation one cannot have recourse to the proper authorities – one has acted immediately to retain or to re-acquire possession. But if there is a certain lapse of time, then the law requires reference to the proper authorities. Moreover, for the principle qui continuat non attentat to apply, the person must actually be maintaining the status quo and acting strictly within the limits of the right or of the possession that he actually enjoys, and not enlarging upon that right or upon that possession.*

Fil-kaz in desamina dak hu proprju li rrizulta u cioe li l-appellant qabad u nehha il-qsami u l-kancell żmien wara li dawn tpoggew. Bizzejjed issir refernza ghal dak li qal ex admisses jghid " *li l-gate kienet poggietha hemm Rose izda kien ilu ma jmur 'l hemm fis-sajf ma jittawwalx. Qal li kienet ilha pogguta hemm u mar biex jahrat sabha hemm u qalghha"*

[27] Deciza fil-5 ta Dicembru 2003

Ghalhekk il-fatt li kien it-trapass taz-zmein zgur li ma jistax jinghad li dan kien kaz ta *vim vi repellere licet* u konsegwentment din id-difiza qed tigi michuda .

Illi din il-Qorti tinnota li l-appellant ma ipprezenta l-ebda aggravju mill-piena moghtija u ghalhekk ser tieqaf hawn.

Din il-Qorti qieghda tikkonferma is-sentenza moghtiha mill-ewwel Qorti in toto kemm fir-rigward ta' mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena inflitta. Tordna ukoll li ai termini tal-artikolu 377(3) tal-Kodici Kriminali qieghda tordna lill-appellant jerga' jpoggi il-knaten, il-hamrija u x-xatba tal-aluminium abjad fil-post fejn kienu originarjament qabel dan l-incident tad-19 ta' Novembru 2020. Tikkonfema ukoll l-ordni moghtija ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali b dan illi l-ammonti imsemmija fl-ewwel sentenza ghandhom jithallsu fi zmien xaghrejn millum. Qieghda ukoll tikkonferma l-Ordni moghtija minn l-ewwel Qorti ai termini tl-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali fejn rabtet lill-appellant hati b'garanzija personali ta' elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena millum sabiex bl-ebda mod ma jkellem jew jimmolesta lil Rose Vella.

Dr Consuelo ScerriHerrera

Imhallef